# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

Giebha żeŭġ dac li gharaf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

29. 20 TA' MARZU 1909. L-EUUEL SENA


## FTEHIM.

Ir-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'il Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux iġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli igib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament.

Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri ghandhom jinbaghtu collha T'as-Sliema, 12, Strada S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc.

A. Levanzin B.A., C.F., P.L. *Direttur-Proprietarju.*

# IL MOXA TA' MALTA.

Is Soċjetà Economico-Agraria tagħna ilha ma's-sittin sena tħabbel rasha chif għandha tbiddel il ħafna moxa li għandna f'raba tajjeb, iżda sa'l-lum għadha ma ŭaslitx fejn riedet. Dan l-aħħar smajt li reġgħet tkanklet u nitma li fl-aħħar tinfed f'xi ħaġa biex isir xi ftit ta'l gid għal dana il pajjis li ŭasal bħal kasba tixxejjer ma'r-rieħ.

Jiena sejjer ingib fi ftit cliem dac li il għaref Dr: Dun Celestin Camilleri chien kal f'it-taħdita li chien kara fuk l-istess ħaġa f Sant Anton xi sittin sena ilu, għaliex chien kal ħafna ħuejjeġ sbiħ u ta' fejda u għalhecc daŭna għandhom cull tant jerġgħu jitperrħu billi il ħŭejjeġ sbiħ u ta' fejda ma jmutu katt.

Iżda kabel ma ingib x'kal hu irrid ingħid xi ħaġa jien li tcompli tŭitti it-triek għal dac li fih ried jasal il ħabriechi Dun Celestin u li fih trid tasal is-Soċjetà Economico-Agraria għalchemm is-soċjetajjiet f'Malta huma actarx kiegħdin għal l-isem biss.

Jiena jidhirli li l-aħjar mezz biex ŭieħed jista fi żmien kasir ibiddel il moxa collu f'raba m'il aħjar hu dac li ħaseb is-Supraintendent ta'l Pulizija, is-Sur Tancred Curmi, u li ilu jħabrec għalih actar minn ħames snin u li ġa irnexxielu li biddel ħafna moxa kargħi f'raba m'il aħjar.

# Il Miŝtoksija oħt il Għerf.

**Lil G. A.** (Il Belt).

Trid icolloc linca tajba ferm, seŭda, irħisa u li ma tgħarrakx il pinni?

Hu mimli flixcun ta'l brandi ilma u għalli fih xi għaxar t-eŭiek campiċ imkatta f'ċana irkieka, irkieka; u compli it-togħlija sa chemm jonkos m'it-tlieta ŭaħda ta'l ilma. Żid imbagħad xi nofs ukija gomma-arabica u x'ukija zoccor candju jeŭ m'il ieħor, u ħollhom tajjeb fuk in-nar. Meta tarahom inħallu seŭŭa niżżel minn fuk in-nar, u żid ma collox, chif icun jagħli, xi ukitejn xebb-il-ġmiel misħuk tajjeb, u ħallihom jinħallu. Ŭara għaddi collox minn ċarruta u tcun tista tibda ticteb. Dina il linca ma tibjad katt u ma titħassarx.

**Lil P. S.** (Għaŭdex).

Għedt li għandec titla bl-anemija igifieri b'il fakar ta'd-demm u li tixtiek tatiha ftit azzar (ferru) bla ma tonfok flusgħand l-ispiżżjar. Għamel hecc, u tinkeda tajjeb u b'irħis: ħu xi daks ponn imsiemer ta'l ħadid u itfa fukhom xi nofs ilma jagħli; ħallihom f'dan l-ilma xi ġurnata u imbagħad la isaffihomx iżda ħu dejjem l-ilma m'il ŭiċċ. Tista tatiha xi żeŭġ tazzi minnu cull jum u tara chif tinkeda daks li chiecu chitiblec ricetta it-tabib.

**Lil P. S.** (Bormla).

Biex meta tiecol il gandoffli jeŭ l-arzell ma jcolloc l-ebda biża li jagħmlulec id-deni kabel kiegħidhom igħumu fl-ilma għal xi ħamsa jeŭ sitt siegħat, u jecc taraħ jitkagħbar aħjar tbiddlu darba jeŭ tnejn għaliex f'dan l-ilma jarmu il ħŭejjeġ li jistgħu jagħmlu id-deni li jcollu fih.

Meta tiecolhom bixx fukhom katra ħall tajba. Dana m'hux biss jati togħma tajba, iżda jgħaddihom actar malajr m'il istoncu.

**Lil C. B.** (Il Belt).

Jecc billi timxi f'it-tul kiegħan sakajc jugħuc ħoll, ixxebb-il-ġmiel fi ftit ilma, sappap carruta fih, u orbotha ma kiegħ sakajc u orkod biha. Hallika tinxef ŭieħidha bla ma tixxotta; u tara chif tcun tista timxi ħafna bla ma ibati xejn.

**Lil P. R.** (Il Belt).

Isma minni la tixrobx Seltz ma l-imbit u ma xejn għaliex jecc tużah għal żmien tŭil jiffjacchilec kalbec u l-istoncu u jagħmillec ucoll deni fi snienec għaliex billi dana jsir bl-acidu xi dakkiet jitħallat miegħu u dana jagħmillec ħsara fl-ismalt ta's-snien.

**Lil G. M.** (Floriana).

Iva, lakkam l-ibnec m'il actar fis li tista. F'il Germanja b'it-tilkima doppja għoddhom kerdu il gidri collu; u il Ġappun daħħal it-tilkim ucoll u giegħel li cullħadd għandu jlakkam l-uliedu malli jcollhom għaxar xhur; u jarġa jlakkamhom ta' sitt snin u jarġa meta jcollhom tnax il sena.

**Lil B. S.** (Hamrun).

Trid taf għala ir-rum xi dakkiet ibiddel il leŭn u ittogħma u b'hecc jeħżien? Għaliex jicber fih certu microbu, li sabu l-eŭŭel darba il Professur Waley ta' Oxford u li semmieh *Coleothyrix methistis*, li jħassru.

**Lil P. P.** (Sliema).

Iva, jecc tkiegħed il francobolli ma ilsienec ŭara li tcun klajthom minn fuk envelopp tista tieħu il mard-ta's-sider jeŭ xi mard ieħor icreħ ta'l gilda għaliex icunu ŭaħħluhom b'il bżiek u ma dac il bżiek icunu tefgħu il microbi, minngħajr ma jafu forsi, ta'l marda li jcollhom. Xi dakkiet ma ittra jittieħdu il gidri u l-iscarlatina; u għalhecc katt ma għandcom tisselfu jeŭ tisilfu cotba u ġurnali fejn tcunu tafu li hemm xi mard li jittieħed.

F'il Michigan, dan l-aħħar, f'uffiċċju ŭieħed, mietu għoxrin impjegat b'il mard-ta's-sider. Tafu b'hiex? Għaliex chellhom ŭieħed fosthom li chien marid b'dina il marda u chien meta jakleb il folji ta'r-registru jxarrab sebgħu b'il bżiek li chien jcun mimli microbi u li chienu jbejjtu f'il carta ta'registru. Cull min ħadem fuk dan ir-registru imbocca il marda.

F'il libreriji ta' Edinburgu u ta' Bradford malli jcunu jafu li xi ctieb ta'l librerija chien f'xi dar fejn hemm mard li jittieħed jaħirkuh.

**Lil M. N.** (Il Belt).

Chienet tcun ħaġa sabiħa ħafna chiecu chif għedt int issir liġi li daŭc li jcollhom mard-ta's-sider, jeŭ genn jeŭ xi marda oħra mokżieża ma jcunux jistgħu jiżżeŭġu. Dina il liġi teżisti ġa f'il Michigan, fl-America; u id-Dr: Hegar kiegħed jitħabat biex idaħħalha f'il Germanja, it-Tobba Baziere u Cazalis fi Franza, u it-Tabib Mennella fl-Italja. Min ma għandux is-saħħa hu chif jista jatiha lil ħaddieħor? Jecc hu delitt li tneħħi ħajja ta' bniedem f'telfa ta' demm, għala ma għandux icun magħdud bħala delitt ucoll meta ŭieħed jati ħajja li b'il fors għandha tinkata kasir il għomor għaliex magħġuna b'il mard? Min ibati b'ta'l kamar, b'it-tiżi u b'il genn jaf sgur li għandu jcollu tfal morda bħalu għaliex ix-xjenza tista tisgurah. X'kalb u x'ruħ jista jcollu min iseŭŭeb daŭna il mardijiet tant coroħ f'uliedu li ŭara li jrabbihom b'tant għożża u spejjes icollu b'il fors iŭassalhom f'il kabar li jcun ħaffrilhom b'idejh stess!

**Lil G. B.** (Marsa).

Għandec ragun biex tbieħ. Li chiecu fl-ischejjel jibdgħu jgħallmu ħŭejjeġ ta' ħtieġa cbira bħal daŭn, isir ħafna gid. Aħna ingħixu f'xatt il baħar u għalhecc m'hux darba jeŭ tnejn jiġri li naraŭ tifel kiegħed jegħrek. Cullħadd jitfixchel x'għandu jagħmel, u meta jilħak it-tabib ma jcun hemm tama ta' xejn iżjed. Mela ħalli nibda biex ingħidlec x'għandec tagħmel jecc itellgħu fuk il mol bniedem li chien kiegħed jegħrek. Gegħilhom ikiegħduh ŭiċċu il fuk, b'rasu actar għolja minn gismu. Iftaħlu ħalku u biex iżżommulu miftuħ u u ma jigdmicx daħħallu, f'il genb, bejn snienu, mancu ta' sicchina, bastun, biċċa għuda jeŭ xi ħaġa oħra. Akbadlu ilsienu, b'sebgħec il cbir u b'ta' ma genbu tajjeb u ibda igbidulu il barra u itilku xi ħmistax jeŭ għoxrin darba cull minuta. U la tegħjjex u la taktax kalbec; għaliex xi dakkiet jibda jieħu in-nifs ŭara tliet siegħat ucoll. Iżda il Prof: Laborde ta' Parigi jgħid li minn nofs siegħa sa siegħa actarx hija b'iż-żejjed. Malli tarah beda jieħu in-nifs saħħnu, ogħorcu, erfagħlu dirgħajh u itlakhomlu, tieħ fuk ŭiċċu b'mactur imgħerbeb sa ma jistembaħ.

Daŭn huma ħŭejjeġ li hemm bżonn li jitgħallimhom cullħadd għaliex tista tiġi bżonnhom għal ŭieħed ta'l familja stess; u chemm jisgħob bic jecc biex ma titgħallemx ħŭejjeġ hecc ħfief titlef l-ibnec jeŭ lil xi ħadd għażiż b'meŭta hecc cherha?

# Il Melodramm Malti.

Għal min ma jafx nibda biex ingħid li "melodramm" ifisser "dramm b'il musica" jeŭ dic li actarx insejħula "opra ta't-teatru." Mela jiena sejjer nitħaddet fuk daúc l-opri ta't-teatru li inchitbu minn auturi maltin ħalli b'hecc ŭieħed icun jaf li Malta tat ħafna nies ta' ħila f'il musica u li isimhom gie imfaħħar fl-aħjar teatri ta' Parigi, ta' Londra u ta' Napli.

Biss kabel ma nibda nitħaddet m'il opra-ta't-teatru maltija xtakt chiecu ingħarrafcom meta u mnejn bdeŭ daŭna il melodrammi; ħalli b'hecc ŭieħed icun jista jifhem aħjar l-istorja ta'l melodramm malti.

L-eŭŭel opri-ta't-teatru bdeŭ jidhru xi tliet mitt sena ilu f'Firenze, il belt li fiha nibtu il ħŭejjeġ sbiħ collha. Poeżiji mgħonnija b'id-dakk insibu msemmija ŭisk żmien kabel. Il għaref filosofu Aristotile igħarrafna li xi tragedji grieghi chienu jsieħbuhom m'ad-dakk u jitgħanneŭ; scond il fehma ta'l għaref chittieb Cesare Cantù, Bherat chien dac li ħolok il melodramm indjan; u f'is-salmi ta' David insibu chemm il darba imsemmija l-istrumenti ta'l musica li chienu jindakku meta jsir it-tifħir l-Alla.

Fl-Italja l-eŭŭel ma dehru chienu il *Madrigali,* igifieri għana ta' imħabba b'il musica u li chienu jitgħanneŭ b'leħen ŭieħed. Ŭara bdeŭ joctru l-ilħna u l-istrumenti sa chemm ftit ftit inħolkot l-opra-ta't-teatru.

It "*Trionfi*" chienu poeżiji fuk ħŭejjeġ ta' gŭerra li chienu jitgħanneŭ meta jilħak xi sultan ġdid imsieħba ma'd dakk ta' ħafna strumenti. Gie li saru f'il ġranet ta'l Carnival ucoll.

L-eŭŭel cummiedja b'il musica ii chellha l-actar xebħ ma' l-opra-ta't-teatru ta'l-lum chienet dic li saret f'it-tieġ ta' Gożmu de' Medici ma' Eleonora ta' Toledo li sar f'Firenze fl-1539.

Id-"*Dafne*" chienet xi ħaġa aħjar u dina saret sittin sena ŭara, f'il 20 ta' Jannar 1599, f'Firenze, kuddiem il Granduchissa Cristina ta' Lorena u Ġanni de' Medici u kuddiem ħafna Cardinali.

Il *librett* ta' dana l-eŭŭel melodramm chitbu Ottavju Rinuecini minn Firenze u li għix m'il 1563 sa'l 1621 u ħa is-sugu tiegħu m'il "Metamorforsi" ta' Ovidju, il famus poeta latin. Il musica chitbuha tnejn mi'l aħjar compposituri ta' dac iż-żmien Ġacbu Peri u Ġulju Caccini, it-tnejn minn Firenze.

Dina it-taħlita sabiħa ta'l poeżija ma'l musica, ma'l pittura f'ix-xenarji, ma'l moda ta'n-nisa f'il palchi intgħoġbot tant li taŭ ruħhom għaliha l-aħjar chitticba tant ta'l musica chemm ucoll ta'l poeżija. Cimarosa, Spontini, Gluck u Paisiello chitbu musica li jssaħħar; u il Metastasio, l-Apostolo Zeno, il Chiabrera, il Ferrari, il Gesŭita Tronsarelli, iċ-Cicognini, li Sbarra, il Guidi, il Frugoni, ir-Rolli, u ir-Ranieri ta' Calsabigi chitbn għal daŭna il melodrammi poeżiji m'il isbaħ.

M'il Italja ixxerrdu malajr fi Franza taħt il ħacma ta'l Mazzarino u chitbu ħŭejjeġ sbiħ il Lulli u il Lalande. Għaddeŭ imbagħad fl-Inghilterra fi żmien it-tieni Carlu, fejn intgħoġbu ħafna il melodrammi ta' Purcell u ta' Davenant, F'il Germanja dehret "Dafne" oħra fuk librett ta'l Opitz u b'musica ta' Schutz; u fi Vienna saħnet il kiegħa għalihom fi żmien Ferdinandu Tlieta meta chien hemm f'il Palazz ta's-Sultan ta' dic il Belt il Metastasio.

Sa chemm f'Malta deher l-eŭŭel melodramm għaddeŭ mitejn sena sħaħ uara id-"Dafne" ta'r-Rinuccini li semmejna. Dejjem hecc ġara! meta il ħaġa tikdiem Barra tasal fostna.

L-eŭŭel ŭieħed li beda jfassal l-eŭŭel melodrammi maltin chien

## DUN MICHELANG VELLA

kassis minn Bormla fejn tŭieled fl-1715. Haġa ta'l għageb minn Bormla ittajret l-eŭŭel xrara ta'l melodramm malti bħal ma minn bormlis glorjus ieħor, Paŭlin Vassallo, chellna nitgħaxxku bl-aħħar melodramm malti li sar s'issa—i. *Frazir*— li żejjen l isem ta' dana il bniedem ta' ħila f'il musica b'gieħ li ma jmut katt.

Sa dana iż-żmien f'Malta ma chienx għadha instemgħet ħlief musica sagra u li chien daħħalha haŭn Monsinjur Duzina, id-Delegat Apostolicu li chien mibgħut minn Ruma biex iseŭŭi il għaŭġ li chien inkala bejh l-Iskof Royas u il Gran Mastru La Cassiere fl-1575. Galdakstant l-eŭŭel chittieba ta'l musica maltin, bħal ma chienu Luigi Grech Grandolini-Ambascete, Belinn Zerafa, surmast ta'l Cappella ta'l Catidral u Dun Pietru Paŭl Pullicin ma chitbux ħlief musica sagra. Saħansitra il cbir Azzopardi ma għarafx jitbigħed minn hemm, u ħolok biss oratorju imsejjah "La Passione," minn dic ir-razza li kiegħdin jictbu illum il Perosi, il Fino u il Hartmann. Chiecu dac li chiteb fuk cuntrapunt u armonija, (u chiteb tant ħŭejjeġ sbiħ li il cors tiegħu chienu jitgħallmu fuku f'il Conservatorju ta' Parigi) chitbu għa't-teatru actarx chien icollna isem cbir ieħor ma daŭc ta' Isouard u ta' Curmi.

Teatru ma chellniex; chien ilha m'al mja u ħamsin sena il musica sagra taħchem fuk Malta, meta il Gran Mastru Manoel De Vilhena, fl-1732, fettillu bena it-Teatru Manoel. Meta infetaħ dana it-teatru Dun Michelanġ chien għad għandu sbatax il sena; iżda naħseb li dana il ftuħ ħadem ġo moħħu biex geġħlu joħlok musica ftit bogħod m'is-sagra li chien jicteb cullħadd f'dac iż-żmien.

Il poplu baża m'it-teatru; għalieh li jmur jara opra jeŭ jisma il musica chien dnub cbir u għalhecc m'hux biss li it-teatru baka għal Cavalieri biss iżda l-ebda malti ma ta'ruħu malajr biex jicteb musica għa't-teatru. U biċċa minn nies chienu tant boloħ fuk dina il ħaġa li omm u missier Isouard meta semgħu chemm tifħir kala binhom f' Firenze b'leŭŭel żeŭġ melodrammi li chiteb, f'loc li ħaċu pjacir tant għeleŭ li geġħlu lil binhom ineħħi minnhom cunjomu u għalhecc fl-Istorja ta'l musica insibuh magħruf bl' isem biss ta' *Nicolò;* u m'hux cuntenti b'dan, billi fehmu li chien kiegħed jagħmel dnub billi chien kiegħed jicteb għa't-teatru u billi fehmu li b'hecc sejjer jakbad xi triek ħażina, raŭ chif għamlu u raħħmu lil Gran Mastru De Rohan biex jġibru f' Malta, u dana billi chien igib hafna lil familja Isouard għamlu surmast ta'l Cappella ta' San Ġuann fejn dam għal xi żmien u mnejn ŭara telak għal Franza biex żejjen ismu b'dac id-daŭl sabiħ li ma jintefa katt.

Dina chienet ir-raġuni li għaddeŭ sebgħin sena sħaħ kabel ma jffaċċa f'it-teatru malti l-eŭŭel melodramm malti u dina chienet ir-raġuni ucoll li għaliha Dun Michelanġ ma satax joħlok hu l-eŭŭel melodramm malti suret in-nies; u li chiecu l-Isouard għix f'Malta u fost il maltin daŭc l-opri sbieħ li chiteb u li taŭ tant gieħ cbir lilu u lil pajjisu chiecu ma chienu jitŭieldu katt u minn jaf chemm snin actar chienu jgħaddu bla ma f'Malta naraŭ melodramm ta' aŭtur malti.

Ma dan Dun Michelanġ chellu tfixchila oħra: is-suttana. Chif sata jcun katt li f'dac iż-żmien kassis jicteb opra għa't-teatru? chien sgur jieħu il meŭta ta' San Stiefnu.

Iżda Dun Michelanġ ħass ġo fih li ried jicteb xi ħaġa ġdida u mexa nofs triek la ma satax imħabba f'iż-żmien li tŭieled fih, jimxi it-triek collha Fa soġgett reliġjus u libbus

b'musica ħajja, ġdida, m'hux ta'l għamla ta'l musica li chien hemm f'il cnejjes dac iż-żmien.

Cull sena, f'it-30 ta' April, f'il bitħa ta'l Palazz ta'l Gran Mastru chienet dejjem issir *Cantata* ma' dħul ir-rebbigħa, xi soġġett sabiħ, actarx reliġjus, mictub poeżija u li chien jitcanta b'musica li chienet tinchiteb apposta; u dina iż-żelluma chien jieħu ħsiebha il Captan ta'l Belt.

Fl-1740 saret il Cantata "Astrea e Pallade" u il musica tagħha chitibha Dun Michelanġ; u tant intgħoġbot li sitt snin ŭara, fl-1746, giegħluh jicteb oħra li fiha chienu jidħru il Ħakk, ir-Reliġjon Gerosolmitana u Netunnu, alla ta'l baħar, u għalhecc giet l-eŭŭel darba imsejjħa bl-isem ta' "dramma."

Il għaref Professur G. A. Vassallo li chiteb f'il gazzetta tant sabiħa 'L'Arte" il ħajja ta' dana Dun Michelanġ u fejn ŭieħed jista jara ir-ritratt ta' dana il kassis bormlis isejjaħ daŭna id-drammi ta' Dun Michelanġ "piccoli melodrammi"; u minn dina ix-xrara żgħira chellha imbagħad toħroġ il ħuġ-gieġa li tfernak tant kaŭŭi; ta'l opri ta' Isouard, ta' Curmi ta'l Agnese Visconti u ta'l Frażir.

Malta bi ħġarha xegħlet b'it-tifħir għal musica ta' Dun Michelanġ. L-Inghisitur Mons: Ghirghor Salviati, fl-1758, meta laħak Papa Clement XIII, ried jagħmel festa cbira f'il Palazz tiegħu ta'l Birgu, u għalhecc giegħlu jictiblu Serenata famusa bl-isem ta' "La Virtù Trionfante" u li intgħoġbot fuk li intgħoġbot minn cullħadd.

Il Captan ta'l Belt meta ra x'ħila chellu jicteb Dun Michelanġ gegħlu joħlok il musica għal Cantata ta' dic is-sena imsejjħa 'Gli Applausi della Fama" u li chien chiteb dac il għaref Conti G. A. Ciantar li chiteb l-Istorja ta' Malta.

Fl-1761 reġgħu giegħluh jicteb oħra; u dana chien unur cbir għal Dun Michelanġ billi daŭc il Cantati chien dejjem jictibhom l-actar chittieb tajjeb ta'l musica ta' dac iż-żmien u chien jicteb oħrajn chiecu ma laħakx bħala Captan ta'l Belt il Commendatur De Marbeuf li chien iżomm ma ŭieħed naplitan jismu San Martino u li chien Surmast ta'l Cappella ta' S. Ġŭann.

Il ħila ta' dan Dun Michelanġ giet magħrufa barra minn Malta ucoll. Choron u Fayolle f'il famus "*Dictionaire Historique des Musiciens*" giebu il ħajja tiegħu u sejjħulu "*maître habile*" (surmast ta' ħila); u il Fetis f'il "*Biographie Universelle des Musiciens et Bibliographie Generale de la Musique*" ifaħħru ħafna ucoll; u jecc irridu inkisu il ħila tiegħu m'il ħila ta't-tliet sculari tiegħu Isouard, Burlon (m'il Birgu) u Magrin (minn Bormla) nistgħu ngħidu li chien bniedem ta' ħila cbira ŭisk.

Xi musica tiegħu giet stampata sa f'Parigi bħal ma huma sitt terzetti għal żeŭġ vjolini u contrabaxx; u sitt qŭartetti għal tliet vjolini u cuntrabaxx. Jiena rajt copja ta' daŭna il qŭartetti għand is Surmast Vella ta' Ta's Sliema, iddedicati lil Gran Mastru Wignacourt; u dana is-Surmast Vella (il missier) faħħarli ħafna dic il musica u il fehma tiegħu għalija tisŭa ħafna.

Miet fl-1792 ta' 77 sena, u chien kassis maħbub minn cullħadd; iżda chien ifur minn xejn; u gie li meta chienu jitilgħulu chien ifarfar xi dakka ucoll lil min jiżgarralu xi nota; hecc ighid il Professur Vassallo. U jgħid ucoll li bosta drabi bagħat għalieh l-Iskof u ċanfru għaliex sa fuk l-orgni stess meta xi dakkak chien jiżlok xi nota chien minnufih icaħħallu dakka ta' ħarta. Iżda ħadd ma chien jieħu għalieh għaliex hu stess malajr chien jintebaħ milli jcun għamel u jitlob scuża għa'n-nervi tiegħu.

Dun Michelanġ chiteb ucoll ħafna musica sagra sabiħa; u għajb li katt ma għadha tinstama imchien u għajb ucoll li forsi haŭn ħafna li għadhom katt ma semgħu b'ismu ħlief illum għal l-eŭŭel darba.

Malta tat ħafna nies cbar; ma tantx tat biss nies li jafu jgħożżuhom u jfaħħruhom chif jistħokkilhom.

*(Jissocta).*

# STORJA TA'L PAPIET.

XI.

## S. PIU I.

**Saltan tmien snin, tliet xhur u tliet t-ijiem. Laħak f'is-sena 158 u miet f'is-sena 167.**

Bin Rufinu u chien kassis minn Aqŭileja, belt f'il krib ta' Venezja. Miet martri fi żmien il ħruxija ta'l Imperatur Marcu Aŭrelju u Luċju Veru u difnuh f'il Vatican. Hadem ħafna contra il kerk ta'l eretici u ċetah idejh chemm seta ma'l fkar u chien l-eŭŭel ŭieħed li ħalak is-sorijiet billi libbes lil Santa Prassede u lil Santa Prudenzana. Ha it-titolu ta' *Ragħaj ta' Ruma* u minn haŭn bdiet ticber is-setgħa ta'l Papiet.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

MARZU.

22—1538. Inħolku il ġurati ta'l Birgu.

23—1830. Sir P. Malcolm, vici-ammirall, kiegħed l-eŭŭel gebla ta'l Isptar ta' Bighi, hecc imsejjaħ m'il villa li chien hemm f'dac il-loc ta' dana il Cavalier.

24—1530. L'Imperatur Carlu Hamsa ta' il Għżejjer tagħna lil Cavalieri ta' S. Ġŭann.

25—1822. Inħalku il Lordi-Logotenenti (li illum ma bakgħux) għal ħames distretti ta' Malta.

26—1800. Imbagħtet ittra ta' ringrazzjament m'il Congress Nazzjonali lil Comodor Trowbridge.

27—1640. Saret processjoni m'il cnejjes ta' Malta collha għal Mellieħa biex jitolbu għa'x-xita.

28—1566, Bedà il bini ta'l Belt Valletta.

# LIL L-IMSIEHBIN.

DAŬC COLLHA LI JSIBU SCĊ U ĠDID GĦAL SENA GĦA'N-"NAHLA" JIEĦDU CTIEB TA'L 'MAĦBUB TA' GESŬ" B'XEJN.

LIL MIN JISSIEĦEB ĠDID ISSA, BILLI BAKA FTIT COPJI ŻEJDA, NATIH IN-NUMRI TA'L-EŬŬEL SITT XHUR B'XEJN

BEJN MIN ĦALLAS JEŬ IĦALLAS, MINN JEDDU, IT-TIENI SITT XHUR, SA L-AĦĦAR TA' MARZU, JINTREFGĦU PREMJI COTBA SBIĦ.

MIN IRID JIXTRI "IN-NAHLA" JIXTRI 'IL MAĦBUB TA' GESŬ"; JEŬ IRID IĦALLAS L-ABBONAMENT IMUR GĦAND IL FOTOGRAFU VELLA, TA' ĦDEJN COLOMBOS TA' STRADA RJALI TA' BELT, JEŬ ISIB LILI F'IL GĦODU F'IL KORTI T'ISFEL TA'L BELT.



# IS-SAHHAR FALZUN

## ROMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

Inhallu issa, ghal ftit, l'is-Sur Kalamias icompli jghid lil Hachem x'garrbu il Cavalieri minn x'hin hargu b'kalbhom maghsura minn Rodi sa'l migja taghhom f'Malta, u narau ftit x'kieghed isir f'id-dar ta' Marija Ingùanez.

Ix-xùejha Barunissa chienet imcheffna f'nofs il camra, tistenna fuk cannapè it-tebut li chienu kieghdin ihejjulha, imdaùùra b'ix-xama u b'salib zghejr go idejha li chienu donnhom ta'x-xema.

Marija, tolfok bla heda, chienet hdejn rasha, tithasseb li issa ma chienx bakghilha hadd f'id-dinja ma' min torbot kalbha hlief ma' Ambrog li ma erhiha xejn u li chien kieghed jara chif jaghmel biex b'il chliem l-actar helu jsabbarha m'it-telfa cbira li giet fukha u biex igeghilha tuahhal f'mohhha li meta chellha hlur ma chelliex gha'x tbabbel rasha ghal xejn. Kallha ucoll li biex icun jista jatiha dakka ta' id seùùa chellu l-aghda stess jitchellem ma'l Cappillan halli jistax igherbeb it tieg taghhom u b'hecc tcun migbura f'darhom, imdaùùra bl-imhabba ta' missieru u ta' hutu il bniet, Ruzanna u Carmena li chienu jhobbuha ga bhal bicca minnhom.

Izda malli il kaddejja dahlet tistaksi jecc Carmena chienetx hemm, hass donnha xi haga tinkata minn go fih, tfaùùar u tbaùùad bhallichiecu giebhulu xi ahbar ta' meùt ta' xi hadd ghaziz. U meta Marija staksietu ghala dic il mistoksija kalbitu hecc icreh, Ambrog kalilha li ma jafx; biss kalbu chienet kieghda tehbru li Carmena gralha xi haga ghaliex katt ma iddaùret barra m'id-dar sa dac il hin.

Marija biex tnehhilu dana il hsieb li dahal f'rasu sejjhet lil kaddejja u kaltilha biex tmur ghand il Hachem halli tara seùùa hi jecc Carmena gietx id-dar, ghaliex hasbet li Hamid kaghad jitnicchér u jpeclak f'it-triek u sa gie u mar hu Carmena lahket id-dar.

Izda meta il kaddejja regghet l-ura u kaltilhom li Carmena ma chienitx id-dar u li il Hachem chien donnu fuk innar jistenniha, Ambrog ta dakka fuk gbinu, ra bhal dalma ghaddejja minn kuddiem ghajnejh, hass gharak chiesah ixokk ghalieh u fehem li Carmena ghamlet xi ùahda minn taghha, u f'il hin li talab lil Marija li jhalliha ghal ftit hin biex jara hu x'gara, telak, bhal zifia rieh, lejn il Grotta.

F'chemm ili inghid ùasal, sab l'is-sagristan u staksieh jecc Carmena chienitx ghadha 'l cnisja.

Is-sagristan hares lejh cass u kallu:—

—"X'Carmena hi, is-sinjura ohtoc?"

—"Iva" ùiegbu Ambrog li chien fuk ix-xùiec biex jehu xi haga minn fommu.

—"Sinjur, emminni li illum ghadni ma rajthiex b'ghajnejja u f'il cnisja hrigt nigbor xi darbtejn," kal Ciccu is-sagristan.

—"Chif?" kal bhal mibluh Ambrog x'hin xaghru kam xeùc, xaùc u ghazzaz il pum ta'x-xabla. "Chif? mela fejn marret?"

—"Jien ma nafx, sinjur," ùiegeb minn taht ilsien Ciccu. "Ghejtu ta'l hanut ta' fuk is-Sakkajja jista jghidlec xi haga..... ghaliex da'l ghodu gie sama il kuddies u smajtu jghid..... la tiehux fastidju.... li raha sejra b'caless maghluk lejn il Birgu...."

—"Lejn il Birgu?..." u chif kal hecc Ambrog riedl chiecu l-art tibilghu, hass roghda cbira f'ircoptejh u xi haga li telghet u sadditlu griezmu. Hass bhal zanzin f'rasu, bhal tixjir ta' mejt, bhal csuha ta' gharak ma' gismu collu u tkanzah biex ma ùeriex lil Ciccu dac l-imrar kalil li b'dic il chelma hecc ta' xejn chien seùùiblu go kalbu.

*(Jissocta.)*



# Lil L-Imsiehbin.

Daùna hallsu sa'n-numru 26:—

575 Sac: Lor: Segona - Birgu; 576 Fratelli Agius - Belt; 577 Gius: Abela - Belt; 578 Ant: Bugeja-Belt; 579 Pre: Cher: Azzopardi - Belt; 580 Plo Azzopardi - Belt; 581 Fco: Abela-Belt; 582 Carm: Buhagiar-Belt; 583 Mich: Cassar - Floriana; 584 Not: G. Chappelle; 585 Sac: Roberto Caruana-Gatto; 586 Emm: Borg-Belt; 587 Fco: Buhagiar L.L.D.; 588 Gaet: Saliba Belt; 589 Salv: Camilleri-Belt; 590 Gius: Callus - Belt; 591 Vzo: Calleja - Belt; 592 Giov: Zanghi - Floriana; 593 Carlo Busuttil - Belt; 594 Fco: Aquilina-Belt; 595 Evar: Azzopardi-Belt; 596 Amabile Schembri - Belt sa't-52; 597 Plo: Galea-Floriana; 598 C. Ellul Vella P.L.-Floriana sa'd-39; 599 Mons: Can: Not: G. Rossi - Tarxien; 600 Salv: Testa-Hamrun sa't-52; 601 Ant: Mifsud - Misida sa't-39; 602 Fco: Sav: Mizzi - Sliema sa't-39, 603 Fco: Farrugia-Belt; 604 Salv: Cauchi-Belt; 605 Mons: Can: Alf: Mifsud D.D., Bibliotecarju; 606 Bart: Vella - Belt; 607 Raff: Mangion - Belt; 608 Gius: Spiteri, Belt; 609 Luigi Xuereb - Belt; 610 Alb: Laferla - Belt; 611 Franc: Farrugia Hamrun sa't-52; 612 Sac: Giorgio Calleja - Hal Kormi sa't-52; 613 Filippo Farrugia - Zabbar sa't-52; 614 Ant: Serracino-Bormla; 615 Lorenzo Sapiano-Rabat sa't-52; 616 Onor: Avv: Art: Mercieca M.A.; 617 Carm: Mamo - Belt; 611 Ellul Fenech - Misida; 619 Carlo Spiteri - Belt.

*(Jissocta.)*

## XARADA

Nota l-*eùùel*; bhalha it-*tieni*;
L'*intier* hi haga bla ras;
Katt la ittiha lil puliti,
U ùisk ankas lil pastas.

Lev:

★

## INDOVINALJA.

Jecc ùiehed jitùieled f'id-29 ta' Frar ta' sena bisestili meta jaghlak sninu f'is-snin ta' ùara?

Lev:

It-tifsir jista jinbaghat b'il mietub sa'l 25 ta' Marzu, 12 Str: S. Vincenzo, Sliema. It-tifsir ta'x-xarada ta'l gimgha l-ohra natih is-Sibt li gej.

**L'ISTITUT TA'S-SUR BORG**

*183, & 185, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il aħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-Tliet Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Religjon.

Jec xi ħadd icun irid jagħmel xi ircant jeŭ jistma xi ħaġa u jcun sgur li reħa ħŭejjgu f'idejn bniedem li jfittixlu l-interessi tiegħu b'ir-rekka u b'onestà collha, jati l-ircant l-is-Sur ACHILLE CIANCIO, ta' Strada Mercanti, numru 175, il Belt u joħroġ cuntent sgur.

Min irid jixtri tabacc ta'l aħjar qŭalità u sigarretti "Samson" tajbin ferm imur għand Ġanni Cassar ta' taħt il bieb ta'l Belt u joħroġ cuntent.

Is-Sur Ġużè Cumbo, kiegħed joħroġ rumanz sabiħ ħafna b'il malti, bl-istampi, tradott m'il francis ta' Ponson du Terrail, imsejjaħ "Il Ħaddied ta'l Cunvent." Cull faxxicolu ta' 16 il paġna cbar joħroġ cull gimgħa u jkum żeŭġ soldi biss. Min irid jissieħeb imur jeŭ jibgħat fl-Istamperija Cumbo, 295, It-triek ta' S. Paŭl, il Belt.

Min jissieħeb issa jatih il faxxicoli collha li ħargu s'issa u jitħallsu żeŭġ soldi cull ħmistax il ġurnata.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?

Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali.

F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija u tcunu tridu tal-luġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' lejn Sant Anton.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u gŭa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

# GHA'N-NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

## NEVRASTENIJA

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

## L-ANTINEVROTICU

TA'L

## PROF: DE GIOVANNI

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja.

Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

# GHA'R-RANDAN

## Min irid jixtri

# CAUCAU

**m'il aħjar, bla taħlit, bla grass u li għandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfaħħra**

# BENSDORP

## għand il magħrufa minn cullħadd

# C. CAMILLERI & SONS

## TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.

## U MA JIBDIELUX.

Stamperija "EMPIRE" 8 Strada Magazzeni - Floriana.